**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

Il-Hamis 11 t'April 2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00PM ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

### 59.1 Introduzzjoni

59.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m b'introduzzjoni mis-Sindku, s-Sinjura magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 58 tas-16 ta' Marzu 2017.

59.1.2 Korrezzjonijiet ma kienx hemm u fuq proposta tas-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 58 bid-data tas-16 ta' Marzu 2017 ġew approvati unanimament.

### 59.2 Punti mqajma mill-minuti

59.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kif konna bqajna fuq *ir-request* li kienet għamelt fl-aħħar laqgħa rigward bozzoz ġodda fi Triq id-Dejqa.

59.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif kienet spjegat fl-aħħar laqgħa ukoll li biex isir bozza ġdida qabel ma timla l-applikazzjoni trid twaħħal il-bozza u jrid ikun hemm 30 metru bejn bozza u oħra. Dan reġgħa ġie ċċekjat ma' l-Enemalta fejn l-entita' qaltilna li jekk ma jkun x hemm 30 metru tista' tiġi approvat basta tagħmel sens.

59.2.3 Għalhekk kien ġie deċiż li l-ewwel isir l-bozza li kien talab il-Minority Leader Dr. Marc Sant fi Triq Andrea Żammit imbagħad isiru l-bozzoz l-oħra minħabba l-ispejjes li hemm involuti.

59.2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat ukoll li fi Triq id-Dejqa għandhom isiru fanali dekorattivi u għalhekk m'hemmx bżonn daqshekk distanza minħabba l-fatt li dawn imorru aktar viċin ta' xulxin.

59.2.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tistaqsi ukoll kif konna bqajna rigward *request* li hi għamelt fuq l-applikazzjoni biex titieħed it-taxxa lura ta' l-allowance tal-Kunsilliera.

59.2.6 Is-Segretarju spjegat li għandu jiġi ċċekjat dan ma' l-accountant tal-Kunsill kif ukoll mal-Viċi Sindku ta' Santa Lucia kif kienet issuġerit mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

59.2.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar xtaqet tistaqsi kif konna bqajna fuq il-problema tal-parkeġġ illegali fi Triq il-Forn u madwar il-bars kif ukoll fil-pjazza u madwar Ħal Lija kollha għaliex hi xtaqet tenfasizza li bħala Kunsill mhuiex responsabli jekk isir xi aċċident speċjalment li minħabba li fl-akwata hemm iż-żewġ mużewijiet ta' Ħal Lija.

59.2.8 Is-Sinjorina Cutajar xtaqet iżied ukoll biex il-Kunsill ikompli jagħmel follow up għaliex il-karozzi li jkun double parking fi Triq il-Forn mhumiex qegħdin jieħdu ċitazzjonijiet.

59.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara l-aħħar laqgħa kienet intbagħtet e-mail lis-Supretendent Cassar mill-għassa ta' B'kara fl-24 ta' Marzu u fid-29 ta' Marzu fejn hu bagħat lill-PS 3 Kevin Grima biex jieħu ħsieb dan *ir-request*.

59.2.10 Saret ukoll telefonata lis-Supretendent Cassar fejn hu kkonferma li hu qiegħed isegwi *r-request* tagħna u qiegħed jibagħat il-pulizija ta' night shifts mit-8:00p.m. il-quddiem biex isir ir-ronda.

59.2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tistaqsi dwar *ir-request* li kienet saret mill-Kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia dwar il-bin tal-ħwejjeġ li jrid isir fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

59.2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tikkonferma l-post fejn għandu isir dan il-bin minħabba li fejn issuġerit is-Sinjorina Farrugia ġieli kellna problema mar-residenti meta konna għamilna l-bring-in-sites.

59.2.13 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li dan għandu isir fejn kienet il-funtana fis-*soft area* n-naħa ta' fuq iġifieri aktar il-fuq biex ma dejaqx lir-residenti.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u VIP List

59.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet fuq il-mejda l-ittra tar-riżenja tal-Minority Leader Dr. Marc Sant fejn irringrazzjatu tax-xogħol kollhu li hu kien għamel f'dawn is-snin fil-Kunsill u awguratlu għax-xogħol il-ġdid tiegħu.

59.3.2 Hija tkellmet ukoll fuq l-attivita' kulturali li ser issir fil-21 ta' Mejju 2017. Hi qalet li Dr. Marc Sant kien bagħat e-mail fejn informa lill-Kunsill li sfortunatament minħabba xi xogħolijiet li għaddejin ġewwa Villa Francia l-attivita' ma tistax isir hemmhekk.

59.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet intbagħtet e-mail lill-Dipartimenti fejn staqsejnih jekk nistawx nibdlu l-venue ta' din l-attivita' u informana li dan jista' jsir.

59.3.4 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fuq jekk nibdlux id-data u l-ħin ta' l-attivita' minħabba li qabel, din l-attivita' kienet ser isir ġurnata sħiħa u kienet ser isir ġewwa Villa Francia u allura dak li jkun kien ser isib x'jagħmel ġewwa l-Villa u issa jekk isir ħdejn it-Torri wieħed irid jara kif ser jagħmel programm interessanti għal ħafna sigħat.

59.3.5 Għalhekk il-Kunsilliera ssuġerew li forsi jinbidel il-ħin għal filgħaxija minħabba li f'Mejju tkun is-sħana biex isir barra u għal tant siegħat. Il-Kunsilliera ssuġerew ukoll li ssir f'Jum Ħal Lija li huwa fis- 6 ta' Lulju.

59.3.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li minħabba li din l-attivita' ser ikunu involuti t-tlett baned ta' 3 villages fosthom Ħal Balzan dik il-ġimgħa ħa jkunu impenjati żgur għaliex taħbat il-festa ta' raħal tagħhom u għalhekk f'Jum Ħal Lija ma tistax isir.

59.3.7 Għalhekk is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ssuġerit li forsi tista ssir il-Ġimgħa 19 ta' Mejju jew is-Sibt 20 ta' Mejju filgħaxija għal ħabta ta' 7:30p.m.

59.3.8 Dan irid jiġi mifthiem kollhu f'laqgħa li s-Sindku flimkien mal-Kunsilliera tixtieq tagħmel ma' Dr.Marc Sant fejn hi qalet li Dr.Sant ser jibqa' jgħinnha kemm għal din l-attivita' kif ukoll fuq l-aħħar affarijiet pendenti fuq il-bye-laws.

59.3.9 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li kienet marret laqgħa dwar it-tismija ta' toroq ġodda li kienet saret fl-aħħar ta' Marzu u ġabet xi informazzjoni dwar dan.

59.3.10 Is-Sindku kompliet tispjega li din il-laqgħa kienet dwar ismijiet ġodda jew tibdil ta' l-ismijiet ta' toroq bħal per eżempju fejn hemm żewġ toroq ġo xulxin u hemm żewġ ismijiet ta' toroq irid jitneħħa wieħed u l-isem l-ieħor jingħata għal xi triq ġdida. Dan kollhu għalissa ma jistax isir minħabba l-elezzjoni ġenerali.

59.3.11 Hi spjegat ukoll li l-irħula ħa jkunu ikkuntatjati biex fejn hemm xi numri neqsin dawn jiġu rranġati.

59.3.12 Is- Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġerit li tieħu ħsieb din il-biċċa xogħol meta l-Kunsill ikun ser jagħmel dan. Hi ssuġerit ukoll li tismija ta' toroq ġodda ġewwa Ħal Lija tista isir għal dawk in-nies li kienu ħadu Ġieħ Ħal Lija.

59.3.13 Resident li joqgħod fi Triq Annibale Preca ħdejn il-Kappella tal-Mirakli ilhu jagħmel dan l-ilment xi 12 -il sena, li eżatt faċċata tad-dar tiegħu nru.6 f'din it-triq hemm siġra li bl-għeruq tagħha għoliet il-bankina u qegħda perikoluża ħafna għal min jgħaddi minn fuq il-bankina. Hu qal li faċli taqa' u tweġġa sew infantti darba waqgħa anzjan huwa hu sejjer għal quddies għalhekk u xtaq li din il-problema tissolva.

59.3.14 Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-perit tal-Kunsill rigward din il-bankina kif ukoll il-Kunsilliera jaħsbu li trid titkiser il-bankina u jinqalaw l-għeruq tas-siġra l-ewwel.

59.3.15 Residenta qed tagħmel request biex isir keep clear fi Triq id-Dejqa eżatt fil-ġenb tal-Kappella ta' San Pietru, fejn jispiċċca it-tarmac. Dan għaliex hemmhekk qed tipparkja karozza u qegħda tagħlaq l-aċċess għal din it-trejqa.

59.3.16 Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu dan ir-request lil Transport Malta għal approvazzjoni bil-patt u l-kundizzjoni li ma nitilfux parkeġġ.

59.3.17 Resident jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill Lokali oġġezzjoni rigward id-double yellow lines fi Triq Preziosi ħdejn Philmar Store li kienu saru bl-approvazzjoni ta' TM fis-sena 2013 għaliex hu qiegħed jgħid li tnaqqas l-parkeġġ għalxejn għaliex it-triq wiesgħa biżżejjed biex ikun hemm parkeġġ u jgħaddu l-karozzi. Kif ukoll xtaq jagħmel request dwar l-area ta' ħdejn Villa Francia biex isir għal parkeġġ ukoll.

59.3.18 Il-Kunsill ma approvax li jitneħħew dawk id-double yellow lines għaliex it-triq hija two way u mhiex wiesgħa biżżejjed. Rigward ir-request l-ieħor li għamel ir-resident dwar l-area ta' ħdejn Villa Francia l-Kunsill qal li dan ir-resident għandu irresaq ir-request tiegħu lil Villa Francia hu.

59.3.19 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-17:45 peress li ġew xi residenti biex iressqu lment. Dawn ir-residenti xtaqu jagħmlu request biex isir bollard fl-entratura ta' l-isqaq nru.1 fi Triq Preziosi biex ma jipparkjawx karozzi fl-isqaq għaliex meta isir dan huma qegħdin issostnu li persuna b'push chair ma tkunx tista tidħol ġo l-isqaq għaliex l-isqaq huwa dejaq u mhux suppost li vetturi jipparkjaw ġo sqaq.

59.3.20 Dawn ir-residenti komplew jgħidu li bil-grid li kien għamel il-Kunsill quddiem id-dar tagħhom fl-isqaq ma solvitx il-problema għaliex il-karozzi ma jipparkjawx quddiem il-bieb tagħhom iżda fil-bidu ta' l-isqaq fejn qegħdin jagħlqu l-aċċess għal dan l-isqaq.

59.3.21 Għalhekk huma qegħdin jagħmlu dan ir-request biex l-isqaq ikun free mill-karozzi.

59.3.22 Huma kienu għamlu rapport l-għassa tal-pulizija ġewwa b'Kara ukoll fejn qalulhom li ħadd ma jista jipparkja ġewwa sqaq.

59.3.23 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera flimkien ma' dawn ir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż li jsir white walking line fl-isqaq in-naħa ta' dawn ir-residenti biex ikun hemm aċċess għad-dar tagħhom.

59.3.24 Is-Segretarju uriethom ukoll pjanta li l-Kunsill għamel bil-qisien ta' l-isqaq u l-wiesgħa ta' karozza. Hi kompliet tispjega li jekk ma jitħallewx karozzi jipparkjaw ġo l-isqaq dawn ser jipparkjaw barra u għalhekk ser ikompli jitnaqqas il-parkeġġ.

59.3.25 Is-Sindku qalet li dan l-ilment ser jitressaq quddiem it-TM fil-laqgħa li għandna magħhom u ser jintalbu biex jiġu fuq il-post u jaraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

59.3.26 Ir-residenti telqu fis-18:05 u laqgħa tkompliet.

59.3.27 Resident li għandu garage fi Triq Mikielang Borg qiegħed jagħmel request għal 1 mtr double yellow lines mal-ġnub tal-garage tiegħu li jismhu Joseph no.16 għaliex qiegħed isib diffikulta kbira biex joħroġ mill-garage u jagħbi xi affarijiet tqal.

59.3.28 Il-Kunsill approva li din ir-request tintbagħat lil TM.

59.3.29 Resident qiegħed jagħmel request għan-nom tal-Kappillan biex fejn hemm ir-reserved tiegħu li għandu fil-pjazza fejn il-knisja titwaħal sign fuq arblu fejn tgħid 'Reserved for parish priest only' .

59.3.30 Huwa ra tabella bħal din il-Mosta, għal kappillan tal-Mosta li saret mill-Kunsill stess.

59.3.31 Għalhekk qed jitlob waħda bħal din it-tabella ħalli ma jibqgħux jipparkjawlu n-nies fuq ir-reserved.

59.3.32 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-Kunsill li *reserved parkings* jingħataw lill-Ministeri, Ambaxxati, Kunsilli Lokali, Lotto Offices, Commercial Banks, Health Centres u Police Stations.

59.3.33 Il-Kunsill approva din it-talba u għalhekk għandha tintbagħat għal l-approvazzjoni ta' TM.

59.3.34 Is- Sinjorina Lorraine Farrugia ġiet avviċinata min xi residenti fejn qegħdin jagħmlu talba biex isir sleeping policeman fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq San Liċinju minħabba persuna li qed jitla' jsuq bi speed qawwi b'xi sports car u qed ikun ta' periklu għal kull min joqgħod hemm.

59.3.35 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat li dan qiegħed isir għal ħabta ta' sagħtejn ta' filgħodu. Hi qegħda tissuġerixxi li l-sleeping policeman isir int u ġej minn naħa tal-

Kappella tal-Mirakli fi Triq il-Mitħna ħdejn ir-razzett li hemm, qabel ma dur għat-triq San Liċinju għaliex hemmhekk ma dejaq lil ħadd.

59.3.36 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qegħda tissuġerixxi li nipruvaw naraw min hu l-ewwel. Kif ukoll hi qegħeda tissuġerixxi li ngħidu lill-Kumpanija LESA biex inġibu l-vann tal-speed camera u nipparkjawh hemm fil-weekend forsi dan jinqabad.

59.3.37 Il-Kunsillier is-Sur Massimo Scerri jaqbel ma' l-idea ta' Sindku għaliex hu qiegħed jgħid li jekk tinqabad din il-persuna ma jkunx hemm bżonn li ssir sleeping policeman.

59.3.38 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet ukoll li din il-persuna qegħeda tgħaddi minn Triq il-Forn u tibqa tiela' minn Triq il-Kunċizzjoni bi speed qawwi u tagħmel ħafna storbju.

59.3.39 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kompliet tenfasizza li r-residenti ilhom jipruvaw jaqbdu min hi din il-persuna pero qatt ma rnexxilhom.

59.3.40 Wara li tkompliet diskussjoni fuq din ir-request ġie issuġerit mis-Sinjorina Stephanie Cutajar li l-vann ta' l-speed camera isir f'xi weekend darba fi triq il-Mitħna fejn kien hemm it-*telephone box* u s-Sinjorina Lorianne Farrugia ssuġerit li ssir darb'oħra fi Triq il-Mitħna int u ġej minn ħdejn il-Kappella tal-Mirakli fejn hemm ir-razzett qabel ma' dur għat-triq San Licinju.

59.3.41 Fuq dan ir-request qabel ma mexxu għandha terġa tkellima l-Kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia.

59.3.42 Is-Sindku ta' l-Iklin xtaq iressaq talba biex jitneħħew iż-żewġ parkeġġi fi Triq il-Forn quddiem id-dar ta' Dun Ġużepp peress li Dun Ġuzepp ma setax jinħareġ mid-dar tiegħu fuq stretcher biex jittieħed l-isptar għaliex kien hemm il-karozzi ipparkjati u l-bankina hija dejqa wisq biex idur stretcher. Huwa jifhem li hawn problema kbira ta' parkeġġ f'Ħal Lija.

59.3.43 Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera ġie deċiż li l-ewwel parkeġġ jitwal u jitneħħa t-tieni parkeġġ u jsir parkeġġ għal mutur u quddiem il-bieb ta' Dun Ġuzepp isir grid box .

59.3.44 Sinjura li dalwaqt ġejja toqgħod Ħal Lija fi Triq Annibale Preca ġo sqaq żgħir bla isem ħdejn il-Mitħna qegħeda titlob biex faċċata ta' l-entratura tal-isqaq titwaħħal mera ħalli jkunu jistgħu jaraw il-karozzi li jkun telgħin u neżlin minn Triq Annibale Preca.

59.3.45 Hija qegħeda tagħmel request biex din il-mera titwaħħal fuq pole eżistenti li hemm faċċata ta' dan l-isqaq fi triq Annibale Preca.

59.3.46 Din ir-request ġiet approvata u għalhekk għandha tintbagħat li TM għal approvazzjoni.

59.3.47 Il-Kunsill irċieva lment li fi Triq Pawlu Galea fejn tagħlaq it-triq hemm ħafna kaxxi, pallets u ġebel kbir fuq il-bankina u hemm ukoll dgħajsa. Din qegħeda tiġi mressaq lill-Kunsill biex naraw x'azzjoni għandha titieħed.

59.3.48 Il-Kunsill approva li tinkiteb ittra lir-resident biex ineħħi kollox minn quddiem id-dar u jnaddaf u ma jitremax aktar skart la fi Triq Pawlu Galea u lanqas fi toroq l-oħra ta' Ħal Lija.

59.3.49 Resident qed jagħmel talba biex titwaħħal 'no waiting sign' fejn l-istatwa tal-Madonna ftit l-isfel minn fejn kienet twaħħlet il-mera. Dan għaliex il-karozzi xorta qed jieqfu jew jipparkjaw quddiem id-double yellow lines u jkunu ta' ostaklu għalih.

59.3.50 Il-Kunsill ma appovax din ir-request għar-raġuni li diġa hemm double yellowlines u għalhekk mhux suppost jipparkjaw karozzi ma' dawrha tal-Madonna.

59.3.51 Residenta tixtieq tagħmel talba għal mera fi Triq Sir Ugo Mifsud għaliex qeda isib diffikulta biex toħroġ mill-garage. Fl-istess ħin irċevejna e-mail mingħand residenta oħra li toqgħod fl-istess triq li hija kontra li titwaħħal din il-mera mal-pole li hemm imis mal-faċċata tagħha.

59.3.52 Is-Sindku spjegat din it-talba u ġie deċiż li l-mera isir fuq pole fejn hemm is-siġar imdawrin bil-ħadid u ssir propja ġol-ħamrija.

59.3.53 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tgħaddi nota rigward road assistance biex ikollna towing għal vann tal-Kunsill. Bħalissa kif qiegħed insured il-vann m'għandux road assistance pero meta rridu nistgħu nċemplu lil Elmo biex napplikaw.

59.3.54 Għal din l-assistance fis-sena l-Kunsill jkun irid iħallas bejn wieħed u ieħor €20 li tkopri assistenza għal 3 darbiet u €28 għal assistenza unlimted.

59.3.55 Il-Kunsill approva li nieħdu ta' €28

59.3.56 Irċivejna e-mail mingħand Ms. Joanne Vella, ta' Sanita' ta' B'kara fuq tiger mosquito programme. Huma xtaqu jistaqsu lill-Kunsill biex jiprovdu 4 postijiet fejn jistgħu jitpoġew tipi ta' pots mimlijin bl-ilma.

59.3.57 Wara diskussjoni li saret mill-Kunsilliera ġie deċiż li l-4 postijiet huma fil-ġnien ta' Ċentru Rekreattiv bejn it-Tennis Court, ta' Senna area, fil-ġnien tal-Mirakli, u fi triq Robert Mifsud Bonnici viċin l-iskola primarja ta' Ħal Lija.

59.3.58 Is- Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi xtaqet tressaq talba rigward il-ħofor li hemm f'Halmann.

59.3.59 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia enfasizzat li dawn il-ħofor huma fondi ħafna u għalhekk is-sitwazzjoni hi gravi. Hi qalet li meta kienu saru dawn il-ħofor ftit ta' snin ilu bil-konkos dan kien serva ħafna aktar minn meta saru bit-tarmac.

59.3.60 Għalhekk għandu jiġi iċċekjat mal-Perit tal-Kunsill jekk nistgħux nagħmlu l-ħofor bil-konkos f'dik l-area.

59.3.61 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ftit tal-jiem ilu kienet marret fuq il-post mal-ħaddiema biex tiċekja dwar ilment fuq 3 ambulanzi li kienu qegħdin jipparkjaw fi Triq il-Kunċizzjoni int u dieħel għal Halmann għaliex qegħdin jitħalew il-lejl kollu. Hi kellmet l-owner ta' dawn l-ambulanzi fejn qaltlu li mhux suppost li dawn jiġu ipparkjati bil-lejl. Huwa qalilha li mhux ser iħalli aktar ambulanzi ipparkjati bil-lejl. Huwa lmenta ma' Segretarju li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-ħofor li hemm Halmann u offra li l-Kunsill jixtri t-tarmac u hu jagħmel il-ħofor.

59.3.62 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet biex il-Kunsill jiċċekja mal-puluzija jekk l-ambulanzi jistgħux jipparkjaw f'residential area fejn mhumiex qegħdin jagħlqu twieqi jew ikunu ta' mezz biex jaqbżu f'xi gallariji.

59.3.63 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li dawn l-ambulanzi qegħdin ikunu pparkjati ħażin għaliex qegħdin jagħtu mera u għalhekk qegħdin ikunu ta' ostaklu biex resident joħroġ mill-garage tiegħu.

59.3.64 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li jsiru diagonal parking bays f'din it-triq.

59.3.65 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li dawn ma jkunux jistgħu isiru minħabba li hemm ħajt ta' sejjieħ perikoluż li l-karozzi kull darba qegħdin jipparkjaw il-barra.

59.3.66 Is-Sindku ssuġerit li isir communal reserved parking for blue badge holders fi Triq il-Mitħna ħdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni. Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera ġie deċiż li dan ma jsirx.

59.3.67 Is-Segretarju ressqet request lill-Kunsill Lokali dwar kont li għandna ta' HSBC savings 051 fejn l-awdituri xtaqu li jkollna reconcilation tiegħu kull xahar. Billi dan il-kont huwa fixed il-bank jagħmel reconcilation tiegħu kull 3 xhur għalhekk biex dan isir kull xahar il-Kunsill irid jimla xi formoli. Is-Segretarju ssuġerit biex dan il-kont jingħalaq u namalgamawh ma' kont ieħor li għandna ta' savings 050 ġewwa l-Hsbc.

59.3.68 Il-Kunsill qabel ma' suggeriment tas-Segretarju Ezekuttiv.

59.3.69 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet dwar l-ittra li talab il-Kunsill stess rigward parir legali mingħand Dr.Zammit Maempel dwar it-tender tal-legal. Din l-ittra intbagħtet b'e-mail id-dipartiment fejn qegħdin nistennew mingħandhom.

## 59.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

59.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tiġbed l-attenzjoni rigward il-ġbir ta' skart in-naħa ta' Halmann fejn ikun hemm ipparkjati l-ambulanzi għaliex fadal xi fdalijiet ta' skart li ma kienx inġabar f'din it-triq. Hi xtaqet tara min hu responsabbli jekk hux dak l-jiġbor l-iskart jew inkella l-kenniesa.

59.4.2 Is-Segretarju qalet li dan irid jiġi iċċekjat.

59.4.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li kien waqgħa l-ħajt ħdejn il-fabbrika ta' Halmann u għadu ma ġiex imtella' u qiegħed perikoluż għaliex m'hemmx ilqugħ ta' xejn u jrid jerġa' jimbena mill-ġdid.

59.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja dwar dan ma' Halmann biex dan il-ħajt jitella' u jitneħħa l-periklu.

59.4.5 Is-Sinjorina Farrugia xtaqet terġa tiġbed l-attenzjoni li fi Triq Salvu Mifsud għad hemm il-problema ta' l-iskart li nies għadhom qegħdin joħorġu l-iskart tard u ma jħalluhx quddiem ir-residenza tagħhom kif ukoll it-Tlieta li hija l-ġurnata li ma tinġabarx il-borża s-sewda għad hemm min għadu qed joħroġha. Għalhekk hi qeda tissuġerixxi biex nibagħtu lill-LESA biex jintbagħat Environmental Warden.

59.4.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar xtaqet tgħid li għandu jsir follow up rigward requests li jsiru lill-LESA rigward il-parkeġġ illegali ġewwa Ħal Lija u għandha tiġi dejjem ikkupjat f'kull e-mail li tintbagħat.

59.4.7 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li fis-27 ta' Mejju 2017 ser isir Cultural Tour ġewwa Ħal Lija li huwa organizzat mill-Ministeru ta' l-affarijiet barranin flimkien mal-Kunsill Lokali. Hija resqet il-programm rigward dan it-tour li jikkonsisti l-ewwel minn żjara ġewwa l-Mitħna fi Triq Annibale Preca umbagħad inżuru l-Knisja Parokkjali ta' Salvatur, Torri Belvedere, il-Kappella tas-Salvatur l-qadim, Villa Parisio u fl-aħħar imorru l-Każin tal-Banda San Pio X fejn ser jiġu offruti xi bibita.

59.4.8 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssuġerit li għandna nkellmu lis-Sur Salvu Sammut biex dak inhar ikun ta' gwida għal dan it-tour.

59.4.9 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet iżied li l-ħaddiema tal-IPSL li huma offruti mir-Reġjun Ċentru ser jerġaw jiġu fil-bidu ta' Mejju u għalhekk ser ikunu ta' għajnuna biex qabel ma jsir il-Cultural Tour u l-attivita' kulturali li ser isir f'Mejju ukoll nirranġaw xi affarijiet fil-Mitħna.

59.4.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li għalhekk il-ħaddiema ta' l-IPSL għandhom iduru biex jirranġaw xi affarijiet fit-Torri ul-Mitħna qabel dawn l-attivitajiet.

59.4.11 Is-Sindku ikkonfermat li qabel dawn l-attivitajiet kemm il-Mitħna u kemm it-Torri ser jitnadfu u li hemm bżonn isir.

59.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet iżied xi ħaġa żgħira ma' dak li ntqal fuq dawn ix-xogħolijiet li l-perit Vassallo ikkonferma li l-ħajt biswit il-Mitħna għandu jiġi rranġat qabel dawn l-attivitajiet.

## 59.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

59.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li billi dan ix-xahar għandna żewġ laqgħat f'April ma sartix skeda ta' pagamenti u petty cash għal din il-laqgħa u ser isiru għal laqgħa li jmiss li ser isir fl-aħħar ta' April.

## 59.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:25p.m. hu ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta' April 2017, fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMAT** |
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |